MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1243/1999/1

**Henry Filletti u martu Joyce**

**Vs**

**Emmanuel Spiteri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Awissu ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem**

**din il-Qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-atturi dik is-somma li tirrappresenta d-danni likwidati li gew kagonati fil-fond "Joyce House", Triq il-Linja, Attard, wara li dahal ilma tax-xita fil-fond ta' l-istess atturi, b'rizultat tal-fatt li certi xoghlijiet li saru fil-fond adjacenti "Triumphal", Triq il-Linja, Attard, propjeta' tal-konvenut, ma sarux skond is-sengha, in kwantu l-kontrabejt tal-kamra gdida fil-propjeta' tal-konvenut m'ghandux sgoxx mal-hajt ta' l-atturi u l-istess kontrabejt inqata' minn mal-hajt ta' l-atturi;**

**2. Ikkundannat li taghmel dawk ix-xogholijiet immedjati necessarji fil-fond fuq deskritt, proprjeta' ta' l-konvenut, sabiex ma jigux kagonati aktar danni fil-fond adjacenti, proprjeta' ta' l-attur b'rizultat tax-xogholijiet recenti li saru fil-fond fuq deskritt tal-konvenut, liema xogholijiet ma sarux skond is-sengha ghaliex qed ihallu l-ilma tax-xita jidhol fil-fond ta' l-atturi;**

**B'dan illi x-xogholijiet ordnati mill-Qorti ghandhom isiru fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lill-konvenut mill-Qorti u dan taht id-direzzjoni ta' perit appuntant mill-istess Qorti, u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dawn ix-xogholijiet hekk ordnati fiz-zmien prefiss, il-Qorti ghandha tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xogholijiet huma stess a spejjez tal-konvenut.**

**Ghal fini tal-kompetenza l-ammont dovut ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin.**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata d-19 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti.**

**1. Illi l-gudizzju mhux integru stante li mart il-konvenut ma gietx imharrka minkejja li hija kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn zewgha.**

**2. Illi bla pregudizzju ghal-premess il-konvenut ma kkawza ebda hsara lill-atturi u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li mhux responsabbli ghall-hsarat li talvolta gew subiti.**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat il-kontro-talba tal-konvenut ghat-talba tal-atturi datata wkoll d-19 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz taghha ippremetta s-segwenti:**

**1. Peress illi l-atturi qed jikkawzaw hsarat fil-propjeta' tal-konvenut, fil-fond Triumphal, Triq il-Linja, Attard addjacenti ghal fond tal-atturi minhabba ta' umdita' li qed jikkawzaw hsarat fil-fond tal-konvenut;**

**2. Peress illi din l-umdita' qed tikkawza hsarat fil-fond tal-konvenut;**

**3. Peress illi jenhtieg illi jsiru xogholijiet rimedjali biex din il-hsara kawzata mil-umdita' tieqaf darba ghal dejjem;**

**Jghidu l-atturi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neccessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:**

**1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-umdita' naxxenti fil-fond Triumphal, Triq il-Linja, Attard hija kkawzata minn xoghol hazin fil-fond Joyce, Triq il-Linja Attard, propjeta' tal-atturi;**

**2. Tordna lill-attur jaghmel dawk ix-xogholijiet rimedjali fil-fondi kontigwi fit-Triq il-Linja, Attard jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi u dan fi zmien qasir u perentorju;**

**3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-konvenut jaghmel dawk ix-xogholijiet rimedjali ghas-spejjez tal-atturi liema spejjez ma jeccedux Lm1000;**

**4. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-atturi rikonvenzjonati ghas-subizzjoni;**

**5. Il-valur tax-xogholijiet rimedjali qed jigu limitati ghas-somma ta' Lm1000;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenut datata l-15 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha eccepew is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet maghmula in kontro-talba mill-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi m'huwiex minnu illi l-eccipjenti huma b'xi mod responsabbli tal-umdita' li allegatament qed tikkaguna hsara fil-fond tal-konvenut;**

**2. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tal-konvenut huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ezaminat fid-dettal ir-relazzjoni peritali;**

**Hadet konjizzjoni tal-verbal tar-rapprezentanti tal-partijiet li awtorizzaw lill-Qorti tghaddi gahs-sentenza;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

**1. Illi fil-fond "Joyce House", Triq il-Linja, H'Attard, ta' l-atturi jirrizulta li ipperkola ilma fil-kamra ta' gewwa fuq ix-xellug meta wiehed ihares minn barra;**

**2. Illi fuq il-bejt adjacenti tal-fond "Triumphal", Triq il-Linja, H'Attard, tal-konvenut ittellghet kamra fuq il-bejt fl-istess livell fejn kien qed jidher l-ilma;**

**3. Illi jirrizulta li din il-kamra kienet ingaljata u l-kontra-bejt qata' minn ma' l-appogg;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi skond il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku nominat minn din il-Qorti li din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma taghmilx taghha l-istess konkluzzjonijiet tieghu jirrizulta is-segwenti:**

**1. Illi huwa fatt li pperkola ilma fuq in-naha ta' wara tal-propjeta' imsemmija ta' l-atturi;**

**2. Illi dan irrizulta minhabba l-fatt li l-konvenut bena l-kamra tieghu adjacenti mal-hajt ta' l-appogg minghajr ma ha l-passi mehtiega biex ma jsirux hsarat fil-bini adjacenti;**

**3. Illi l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-hsarat li saru u li ghad isiru kkagunati mill-agir tieghu fuq il-propjeta' tal-atturi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi r-rimedju indikat jidher li hu s-segwenti:**

**1. Illi ghandu jsir sgoxx bejn il-kontrabejt u l-hajt ta' l-appogg;**

**2. Illi dan l-isgoxx ghandu jigi miksi bil-"membrane" matul l-istess kamra tal-konvenut;**

**3. Illi dan ix-xoghol jista' jsir komodament bi spiza ta' tlett mitt Lira Maltin, (Lm300.00,0);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in oltre biex tigi rimedjata l-umdita' jenhtieg li jsir wahda s-segwenti alternattivi :**

**1. Illi kemm-il darba s-"slab" in kwistjoni hi ingaljata fil-hajt ta' l-appogg allura jenthieg li din tigi isserrata minn mal-hajt ta' l-appogg u tigi introdotta "bituminous membrane"; jew**

**2. Illi kemm-il darba s-"slab" in kwistjoni m'hix ingaljata fil-hajt ta' l-appogg allura titnehha l-"iskirting" ta' madwar sitt pulzieri gholi matul il-filata in kwistjoni, jew jigi introdott "bituminous membrane", vertikali;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi din il-Qorti taghmel taghha l-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom il-perit arkitett minnha nominat;**

**Illi pero' thossha perplessa bid-disposizzjonijiet sussegwenti ta' l-istess perit arkitett fejn a fol 77**

**isostni li " kien l-attur li huwa responsabbli ghall-hsarat li sofra l-konvenut";**

**Illi din il-konkluzzjoni hi dijametrikament opposta ghall-konkluzzjonijiet tieghu fir-rapport peritali u ghalhekk qed tiskartha;**

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li qed tirrespingi l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsarat mertu ta' din il-procedura, tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300.00,0) u tikkundanna lill-konvenut Emmanuel Spiteri biex ihallas l-ammont ta' tlett mitt lira hekk likwidat lill-atturi; bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**